**SEMINARJU TAL-QALB TA' ĠESÙ**

**It-Tieni Ċiklu**

**DANIEL GRECH**

# IL-ĠUSTIZZJA U L-PIENA

Każ ippreżentat bħala
parti mill-kors
tat-Teoloġija Morali
(diskuss nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2009)

**Rabat – Għawdex**
**Jannar 2009**

# Werrej


1. Il-Każ/Struttura 3
2. Introduzzjoni 4
3. Il-Ġustizzja Penali 6
4. Għal xiex għandha twassal il-piena? 8
5. Xi jwassal għal differenzi fil-piena? 11
6. Konklużjoni 12
7. Bibliografija 13

# Il-Każ

Qamet diskussjoni bejn imħallef u l-istudenti tat-Teoloġija waqt seminar dwar il-piena fil-qasam tal-ġustizzja, li imħallef jagħti fis-sentenzi tal-Qorti Kriminali, lil dawk ħatja ta' xi reat, ta' ksur tal-liġijiet. Hu sostna li l-għanijiet tal-piena fil-qasam tal-ġustizzja huma: ta' deterrent liċ-ċittadini biex ma jiksrux il-liġijiet, ta' kastig xieraq lil dawk li kisru l-liġijiet, ta' ħarsien tal-ordni pubbliku fit-twettiq tal-gustizzja miċ-ċittadini, ta' ġustizzja lejn min sofra l-inġustizzja, u ta' għajnuna lill-istess kriminali biex jinbidlu internament u jerġgħu jidħlu fis-soċjetà li huma kienu weġgħu bil-għemil tagħhom. L-istudenti sostnew li f'ċeri każijiet il-piena tkun ħafna modifikata u f'każijiet oħra tkun esaġerata u dan juri li ma hemmx regola ċara meta tiġi applikata l-piena fi ksur ta' liġi u dan joħloq ċertu disgwid fiċ-ċittadini. Huma sostnew ukoll li l-liġijiet u l-pieni huma ugwali għal kulħadd u bl-istess mod. L-imħallef afferma li hu veru li l-liġijiet u l-pieni huma ugwali għal kulħadd imma fis-sentenzi hemm elementi oħra li l-imħallef għandu jikkonsidra li jistgħu jidhru li qed jimmodifikaw jew iżidu l-piena.

- X'nifhmu b'ġustizzja penali?
- Hija ġusta l-affermazzjoni tal-imħallef?

# Struttura

Dan il-każ jitlaq dwar x'nifhmu bit-tema tal-ġustizzja fid-dawl ta' dak li nsibu fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (Introduzzjoni). Wara ngħaddu biex infissru x'nifhmu b'ġustizzja penali u x'inhi l-piena fid-dawl ta' l-iżvilupp tagħha fl-istorja u x'tifhem biha s-soċjetà (kap. 1). Imbagħad niddiskutu l-għanijiet tal-ġustizzja penali, maqsuma f'erba' kategoriji (kap. 2). Fl-aħħar kapitlu nħarsu lejn xi raġunijiet għaliex min jagħti s-sentenza jasal għal differenzi fil-piena (kap. 3).

# 1
# Introduzzjoni
## It-Tema tal-Ġustizzja fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika

---

Meta jiġi biex jitkellem fuq il-ġustizzja u s-soċjetà, l-Katekiżmu jgħid li l-istess soċjetà tiżgura l-ġustizzja soċjali meta fiha jkun hemm dawk il-kundizzjonijiet li jippermettu li kull assoċjazzjoni u kull individwu jiksbu dak li hu tagħhom skond in-natura u l-vokazzjoni tagħhom. Il-ġustizzja soċjali torbot flimkien il-ġid komun u t-tħaddim ta' l-awtorità. Ir-rispett tal-persuna umana jqis lill-ieħor "int innifsek ieħor"; jistenna li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali li joħorġu mill-istess natura tad-dinjità tal-persuna.[1]

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika meta jiġi biex jitkellem fuq ir-rispett tal-persuna u ta' ġidha jisħaq li f'kull ma għandu x'jaqsam ma' l-ekonomija, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem jitlob li titħaddem il-virtù tar-rażan, biex ir-rabta mal-ġid ta' l-art ma tkun bla qjies; li titħaddem il-virtù tal-ġustizzja ħa jiġu mħarsa d-drittijiet tal-proxxmu u kulħadd jieħu dak li ħaqqu; u li titħaddem is-solidarjetà skond ir-regola tad-deheb u skond l-id miftuħa tal-Mulej li "kien għani u ftaqar, biex mill-faqar tiegħu nistagħnew aħna" (2 Kor 8, 9).

Is-seba' kmandament jipprojbixxi s-serq, jiġifieri l-ħtif tal-ġid ta' ħaddieħor kontra r-rieda raġunevoli tiegħu. Kull mod kif tieħu u żżomm għandek inġustament il-ġid ta' ħaddieħor, ukoll jekk dak li tagħmel ma jkunx ipprojbit mil-liġijiet ċivili, hu kontra dan il-kmandament. U wkoll kontra s-seba' kmandament iżżomm deliberatament ġid misluf lilek jew xi ħaġa mitlufa; jew tqarraq fin-negozju jew tħallas salarji mhux skond il-ġustizzja jew tgħolli l-preżżijiet billi tapprofitta mill-injoranza u l-ħtieġa ta' l-oħrajn.

Anki il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni, *Gaudium et spes*, jagħti lista ta' għemejjel li huma wkoll moralment ħżiena. Huwa jsemmi "l-ispekulazzjoni li biha wieħed ibiddel artifiċjalment il-valur ta' xi ġid biex jikseb vantaġġ fuq id-danni li jġarrab ħaddieħor; il-korruzzjoni li biha jġiegħel ibiddlu l-fehma tagħhom dawk li skond id-dritt għandhom jieħdu deċiżjoni; tagħmel tiegħek u tuża għalik il-ġid soċjali ta' xi intrapriża; xogħol magħmul ħażin; qerq fid-dikjarazzjonijiet ta' dħul tiegħek lill-Istat; falsifikar ta' ċekkijiet u ta' fatturi, spejjeż

---

[1] Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1928, 1943-1944.

esaġerati, il-ħela. Tagħmel ħsara f'xi propjetà privata jew pubblika hi kontra l-liġi morali u titlob riparazzjoni."[2]

Fuq il-wegħdiet u l-kuntratti, il-Katekiżmu jsostni li dawn għandhom jiġu mħarsa sakemm l-impenn mehud hu moralment ġust. Parti tassew kbira tal-ħajja ekonomika u soċjali tiddependi mill-valur tal-kuntratti li jsiru bejn persuni fiżiċi u morali. Hekk huma l-kuntratti ta' bejgħ u xiri, ta' kera u ta' xogħol. Kull kuntratt għandu jsir u jiġi mħares b'rieda tajba.

Hawnhekk il-Katekiżmu jsemmi l-ġustizzja kommutattiva, legali u dik distributtiva. Il-ġustizzja kommutattiva tobbliga strettament u teżiġi l-ħarsien tad-dritt tal-propjetà, il-ħlas tad-djun u li jsir dak li wieħed ftiehem b'mod ħieles li jagħmel. Mingħajr ġustizzja kommutattiva ma jistax ikun hemm ebda sura oħra ta' ġustizzja.

Irridu ngħażlu bejn ġustizzja kommutattiva u ġustizzja legali li hi dwar dak li ċ-ċittadin hu obbligat raġunevolment jagħti lill-komunità, u bejn ġustizzja kommutattiva u ġustizzja distributtiva li tirregola dak li l-komunità hi fid-dmir li tagħti liċ-ċittadini skond il-kontribuzzjonijiet li jagħtu u l-ħtiġijiet li jkollhom.[3]

---

[2] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum *Gaudium et spes* (7 ta' Diċembru 1965), 69 : *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan* II, Malta 2003, 1551-1552.

[3] Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 2407, 2409-2411.

# 2
# Il-Ġustizzja Penali
X'nifhmu b'ġustizzja penali?

---

*Ġustizzja Penali*

Il-ġustizzja fil-qasam tal-liġi kriminali hija differenti minn dik f'setturi oħrajn prinċipalment fil-mod kif din tiġi mħarsa miċ-ċittadini u mil-mod kif inhi nfurzata mill-istess liġi. Għaldaqstant kull min jikser il-liġi kriminali huwa jew għandu jiġi kkastigat. Dan joħroġ mid-dritt sovran ta' l-istat jew il-korp ġuridiku li jirregola l-aġir taċ-ċittadini jew is-sudditi tiegħu. Beccaria jiġbor dan id-dritt hekk:

> [la] necessità di difendere il deposito della salute pubblica dalle usurpazioni particolari; e tanto piú giuste sono le pene, quanto piú sacra ed inviolabile è la sicurezza, e maggiore la libertà che il sovrano conserva ai sudditi.[4]

F'dan l-ambitu anke l-Awtorità Ekkleżjastika għandha d-dritt li jkollha l-penalitajiet tagħha hekk kif joħroġ mill-Kanoni 1311:

> Nativum et propruium Ecclesiae ius est christifideles delinquentes poenalibus sanctionibus coercere[5].

*X'inhi l-piena?*

Fi żmien meta l-pieni ġeneralment kienu dawk ta' tgħalliq, qtugħ ir-ras, mutilazzjoni, swat u kull xorta oħra ta' kastig fiżiku[6], wieħed kien kapaċi jiddistingwi bejn kastig kriminali u penalità ċivili bħal pereżempju ksur tal-kundizzjonjiet f'kuntratt. Madanakollu, f'dan l-aħħar seklu, dawn il-forom ta' pieni bdew jgħibu mix-xena fid-dinja tal-Punent u sanzjonijiet fuq il-

---

[4] Cesare Beccaria, *Dei Delitti e delle pene*.

[5] Codex Iuris Canonici 1983, c. 1311 – "The Church has its own inherent right to constrain with penal sanctions Christ's faithful who commit offences."

[6] Il-kastig fuq il-persuna tal-bniedem kienet xi ħaġa komuni tant li diversi stati kellhom diversi forom ta' eżekuzzjonijiet għal diversi reati. Imqar mil-lat ekkleżjastiku, il-Knisja ġieli irrikorriet għat-tortura speċjalment fejn kienu jidħlu l-eretiċi. *(Cf. Bulla Papali Ad Extirpanda, Papa Innoċenzju IV, 15 ta' Mejju 1252).*

libertà u multi pekunjarji saru aktar komuni. Wieħed japprezza l-fatt illi l-valur tal-libertà tal-individwu beda dejjem jikber b'tali mod li dawn is-sanzjonijiet bdew jiġu aktar aċċettati.

Nieħdu għalhekk il-pieni hekk kif kontemplati mill-Kodiċi Kriminali ta' Malta huma l-priġunerija, ir-reklużjoni, l-interdizzjoni, u l-multi, kif ukoll id-detenzjoni, l-ammenda u ċ-ċanfira jew it-twiddiba[7]. Min-naħa l-oħra l-Kodiċi Kanoniku jitkellem minn żewġ forom ta' penalitajiet:

- *poenae medicinales* – maħsuba sabiex jikkoreġu u jerġgħu jintegraw lill-persuna; fost dawn insibu l-iskomunika, l-interdizzjoni u s-sospensjoni
- *poenae expiatoriae* – maħsuba biex jikkastigaw u jirriparaw id-danni; dawn jinkludu eżilju, deprivazzjoni minn uffiċċju, u trasferiment penali.

Hart jiddistingwi l-liġi penali minn dik ċivili għax il-pieni kriminali huma akkumpanjati u ġustifikati mill-kundanna tal-komunità[8]. Gardner iżid illi "It is the expression of the community's hatred, fear, or contempt for the convict which alone characterises punishment."[9]

Fil-qasam kriminali huwa imperattiv illi jiġu studjati ċ-ċirkostanzi li wasslu jew li jwasslu għall-ħtija tal-akkużat. Għalhekk pereżempju jekk ngħid A qatel lil B mhux bilfors illi A jinstab ħati. Dan għaliex, jistá jagħti l-każ illi A qatel lil B fil-gwerra tal-Vietnam huwa differenti minn A qatel lil B minħabba fl-għira. L-ewwel eżempju ma jwassalx għall-ħtija ta' A filwaqt li fit-tieni każ, A għandu jinstab ħati.

Għaldaqstant jidħlu l-elementi ta' l-intenzjoni ta' min qed iwettaq id-delitt, il-voluntarjetà, u r-raġuni għalfejn dan ġie mwettaq[10] - prinċipji li huma miġbura fid-dictum "Actus non facit reum nisi mens sit rea"[11].

---

[7] Liġijiet ta' Malta, Kapitolu 9, Kodiċi Kriminali, Artikolu 7.
[8] HENRY M. HART, *The Aims of the Criminal Law* (1958) p. 23.
[9] M. GARDNER, *Bailey vs. Richardson and the Constitution of the United States*, p. 193.
[10] Il-piena tiġi attirata kemm minn azzjoni pożittiva – billi wieħed jagħmel xi ħaġa – u anke minn ommissjoni – li wieħed kien obligat jagħmel xi ħaġa u naqas milli jagħmilha.
[11] *"The act does not make a person guilty unless the mind be also guilty."*

# 3
# Għal xiex għandha twassal il-piena?

L-għanijiet tal-ġustizzja penali fil-ġustizzja kriminali huma prinċipalment erbgħa:

- Deterrent;
- Retribuzzjoni;
- Riformazzjoni; u
- Protezzjoni tal-pubbliku inġenerali.

*Deterrent*

Ir-raġuni ewlenijia tal-piena hija li sservi ta' prevenzjoni sabiex illegalitajiet b'kontravenzjoni tal-liġi pożittiva ma jiġux imwettqa. Bħalma fil-qasam amministrattiv tingħata riduzzjoni fil-premia ta' l-insurance u l-ħlas ta' taxxi fejn wieħed jimxi bil-għaqal, hekk ukoll fil-liġi kriminali l-piena sservi ta' detriment biex dawn l-irregolaritajiet ma jitwettqux. Il-biża mill-piena hija maħsuba biex titfa' pressjoni psikoloġika fuq il-maġġoranza tal-poplu. Naturalment, dawk mhux maħkuma minn din il-biża, jingħataw il-piena hekk kif kontemplata fil-liġi biex tkun ta' deterrent għall-futur. Il-fatt illi tali piena hija publiċiżżata tippresta ruħha bħala għan sekondarju, ossia dak illi tirrestrinġi l-kondotta kriminali fuq il-persuni li pontenzjalment jiksru l-liġi.

*Retribuzzjoni*

Madanakollu l-piena għandha wkoll l-iskop li tkun forma ta' retribuzzjoni għall-kriminal. Il-bniedem li jikkontravenzjona l-liġi kriminali għadu jkun miżmum milli jikkommetti aktar irregolaritajiet. Dan huwa l-iskop prinċipali wara l-pieni massimi illi l-istat jistà jinfliġġi f'ċerti każijiet. Hekk pereżempju, fejn bniedem ma jkunx jistà jiġi riformat jiġi kkundannat għal piena kapitali jew għal għomru l-ħabs bil-ħsieb illi tali irregolaritajiet ma jirrepetux rwieħhom minn tali persuna. F'dan l-ambitu iżda, wieħed irid jara li l-piena hekk inflitta mill-Qorti hija proporzjonali għad-delitt imwettaq. B'hekk il-bniedem li jaġixxi erronjament għandu jieħu dak li ħaqqu. Insibu fil-Bibbja l-prinċipju ta' "Għajn għal għajn u sinna għal

sinna"[12] li f'ċerti pajjiżi għadu prinċipju nfurzat sal-ġurnata ta' illum. Madanakollu mhux f'waqtu illi wieħed jargumenta illi b'xi mod il-liġi kriminali qegħda hekk b'xi forma ta' tpattija kontra l-kriminal. Diversi ġuristi jiffavorixxu dan il-ħsieb sabiex ikun hemm il-veduti tal-vittmi fil-mod kif jingħata l-quantum (il-proporzjon) tal-piena – ħsieb illi mhux aċċettat mill-Qrati Maltin, essenzjalment peress illi tali ġusitzzja possibilment tiddeġenera fi tpattija aktar milli deterrent u retribuzzjoni.

*Riformazzjoni*

Skop pożittiv tal-piena huwa ir-riforma jew riabilitazzjoni tal-kriminal sabiex huwa jkun jista' jerġa' jintegra ruħu lura fis-soċjetà. Infatti, minkejja li l-ġeneralità tal-poplu titkellem mill-Ħabs ta' Kordin, fil-fatt it-terminu preċiż huwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin – bil-ħsieb illi min jintbagħat jiskonta piena ta' priġunerija, jkollu l-opportunità illi jirriforma ruħu. F'dawn l-aħħar snin esperjenzajna wkoll metodi differenti ta' pieni. Minbarra priġunerija u ħlas ta' multi, il-Qrati tagħna jiffavorixxu pieni ta' servizz komunitarju, probation u sentenzi sospiżi. Minkejja dan il-vittmi ta' tali delitti spiss ma jaqblux ma' dan l-iskop. Fuq l-istess linja ta' ħsieb il-Maġistrat David Scicluna wasal għal din il-konklużjoni – "Kif inhu ben risaput għalkemm is-soċjetà tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon għar-reat li jkun wettaq l-individwu, bniedem li jkun qattà perjodu sostanzjali ta' inkarċerazzjoni mhux lakemm titfgħu lura fis-soċjetà biex ifendi għal rasu; jeħtieġlu diversi meżżi ta' għajnuna u mhux anqas guidance sabiex tiġi faċilitata r-reintegrazzjoni tiegħu fis-soċjetà u tiġi assigurata r-riabilitazzjoni tiegħu. Għalhekk l-importanza ta' sistema organiżżata u ko-ordinata ta' aftercare."[13]

*Protezzjoni*

L-aħħar għan imbagħad huwa l-protezzjoni tal-pubbliku ġenerali li jassumi li hemm awtorità li tiddefendi l-ħajja normali tiegħu. Il-fatt li bniedem jinqata' min-normalità u jmur kontra l-ordni pubbliku huwa ta' detriment għall-ħajja ta' ħaddieħor. B'hekk nitkellmu mill-Pulizija u l-Forzi Armati fost il-korpi primarji li jaraw li tali ordni jinżamm tajjeb. Il-Qrati tal-Ġustizzja mbagħad huma l-arbitri supermi sabiex janaliżżaw dawn l-irregolaritajiet. L-għoti tal-piena għaldaqstant huwa maħsub ukoll sabiex jikkastiga lil dawk li ma mxewx ma' dan l-ordni. Fl-

[12] Levitiku 24, 20.
[13] Qorti tal-Maġistrati (Sede Inferjuri), *Pulizija vs. George Żammit*, 4 ta' Frar 1985.

istess linja ta' ħsieb, hawnhekk qed nitkellmu minn ġustizzja komutattiva hekk kif projettata minn Aristotile u elaborata aktar minn San Tumas t'Akwinu – il-poplu jafda ruħu f'idejn l-Istat li huwa obligat li jżomm l-ordni pubbliku permezz ta' diversi korpi kostitwiti appositament – fosthom il-Qrati – u l-piena sservi ta' garanzija kontra min jikser dan l-ordni pubbliku.

# 4
# Xi jwassal għal differenzi fil-piena?

Huwa magħruf illi l-pieni u l-proċeduri penali huma miktuba fil-Liġijiet tal-istat. Għaldaqstant l-ġudikant għandu l-parametri dwar kif għandu jagħti s-sentenza. Ġeneralment f'każi ta' priġunerija l-Kodiċi Kriminali jagħti l-parametri bħal ngħidu aħna fil-każ ta' l-abort, meta wieħed jinstab ħati jeħel piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin[14]. Madanakollu meta l-ġudikant jiġi biex jagħti s-sentenza janalizza tajjeb diversi elementi fosthom, l-intenzjoni tal-akkużat, ir-raġuni wara r-reat, il-preparazzjoni tar-reat, l-istat tal-moħħ tal-akkużat, il-mument tar-reat, il-gravità tar-reat, il-persuna tal-akkużat, il-persuna tal-vittma, il-kondotta tal-akkużat u oħrajn. Dawn kollha jwasslu għal differenzi fl-għoti tal-piena li allura jwasslu għall-pieni differenti bejn każ u ieħor. Hekk pereżempju il-piena għal uffiċċjal pubbliku tkun għola b'żewġ gradi aktar minn dik hekk kif kontemplata fil-liġi filwaqt li l-piena għall-minuri hija mnaqqsa bi grad jew tnejn skond il-każ. Hekk ukoll il-piena għar-reċidiviżmu (twettieq ta' reat fuq ieħor) hija għola bi grad.

Il-piena wkoll tiddependi mill-parti li l-akkużat jkun wettaq fid-delitt. L-irwol tal-akkużat jistà jieħu l-forma ta' prinċipal, kompliċi, jew instigatur. Kull rwol huwa kkastigat b'mod differenti fir-rigward ta' l-istess reat.

Ir-reat huwa klassifikat f'diversi modi fl-eżekuzzjoni tiegħu. Għalhekk ngħidu aħna l-atti preparattivi, l-attentat tar-reat[15], u l-eżekuzzjoni tar-reat.

Il-piena tiġi mitigata b'diversi modi – forom li jattakkaw l-*Mens Rea* tar-reat. Il-forom prinċipali huma nuqqas ta' stat mentali tajjeb, intossikazzjoni, l-età, torox-għomja, inċident, instigazzjoni u biżà, jus necessitatis, leġittima difeża u provokazzjoni. F'dawn il-każi l-piena inflitta mill-ġudikant tiġi mnaqqsa minħabba li l-intenzjoni tal-ħati ma tkunx retta iżda tkun akkumpanjata minn ħaġa oħra.

---

[14] Cf. Liġijiet ta' Malta, Kapitolu 9, Kodiċi Kriminali, Artikolu 241.
[15] Li minnu nnifsu jerġà jinqasam fi tnejn – delitto mancato, u delitto tentato.

# 5
# Konklużjoni

Għaldaqstant bħala konklużjoni f'dan il-kuntest, l-affermazzjoni tal-imħallef hija waħda ġusta fis-sens illi iva hemm diversi raġunijiet li jvarjaw il-piena minn każ għall-ieħor. Dan ma jfissirx illi qed nitbiegħdu mill-prinċipju li l-Liġi hi ugwali għal kulħadd. Il-fatt li l-istess reat huwa punit b'mod differenti, ġej mill-fatt illi l-elementi anċillari tal-każ jwasslu għal piena differenti minn każijiet oħrajn.

Għalhekk ngħidu aħna, żewġ każijiet dwar l-istess reat, b'persuni differenti, bl-istess elementi anċillari għandu jiġi kkastigat bl-istess mod. Madanakollu tali similarità fil-każ hija rari u kważi impossibbli u għalhekk ir-raġunament tal-imħallef huwa minnu.

# Bibliografija


BECCARIA Cesare, *Dei Delitti e delle pene,* 2009.

*Codex Iuris Canonici* (1917).

*Code of Canon Law Annotated* (1983) – 2nd Edition revised and updated of the 6th Spanish Language Edition, 2004.

FINNIS John, *Natural Law and Natural Rights*, Clarendon Press Oxford, 2001.

FLETCHER George P., *Basic Concepts of Criminal Law*, Oxford Universty Press, 1998.

HART Henry M., *The Aims of the Criminal Law,* 1958.

Internet source: www.vatican.va.

JONES T. H. – CHRISTIE M. G. A., *Criminal Law*, Sweet & Maxwell, 2nd Edition 1996.

*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Arċidjoċesi ta' Malta, Blata l-Bajda Malta 1993.

KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum *Gaudium et spes* (7 ta' Diċembru 1965).

*Liġijiet ta' Malta*, Kapitolu 16, Kodiċi Ċivili.

*Liġijiet ta' Malta*, Kapitolu 9, Kodiċi Kriminali.

*Liġijiet ta' Malta*, Kostituzzjoni ta' Malta.

PAPA INNOĊENZJU IV, Bulla Papali *Ad Extirpanda*, (15 ta' Mejju 1252).

*The Code of Canon Law. A Text and Commentary*, The Canon Law Society of America, Theological Publications in India, Bangalore 2000.